FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

2 ta' Marzu 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tlieta u Hamsin (53) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tlieta u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 9 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.**

It-tlieta u hamsin (53) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni ghall-Estimi Annwali 2011 u pjan ta' hidma
6. Il-Monti tal-Hadd fil-Floriana
7. Rilokazzjoni Temporanha tal-venda tat-trasport pubbliku
8. *Platform Lift*
9. Monument tal-ferrovija
10. Karnival ta' Malta 2011
11. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011
12. Jum Floriana
13. Assemblea Generali Furjaniza
14. Kommemorazjoni Anthony Piscopo
15. Asfaltar ta' toroq
16. Cirkli tal-annimali fil-Floriana
17. Hwejjeg Ohra
18. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tlieta u Hamsin (53) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tnejn u hamsin (52) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq addenda wara 10.5: “Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li meta tinhareg sejha tal-offerti simili ghandu jkun hemm ammont minimu li minnu tibda l-offerta’.”.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 bil-korrezzjoni msemmija f’1.2, gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4 Il-minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita’ gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni dwar 2.2 fejn jigu kkancellati dan li gej:- “Gurnata Little Armier” u “L-ikla tal-Milied”.

1.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni dwar 2.4 fejn minflok “Kumitat Olimpiku Malti” jitnizzel “mal-instructor Mark Farrugia u mal-Floriana Nursery”.

1.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq korrezzjoni biex issir addenda ma’ 4.1, billi jizdied “Il-progett tal-picc sintentiku fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V”.

1.8 Il-minuti msemmija f'1.4 bil-korezzjonijiet msemmija f’1.5, 1.6 u 1.7, gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta’ Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill spazju ghal reklam fil-ktejjeb tal-festa li jigi stampat minnhom ta’ kull sena, bil-prezz ta’ €370. Il-Kunsill approva.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta’ Filarmonika Vilhena fejn offrew li l-marc li jsir ta’ kull sena mal-purcissjoni tal-vjatku kif ukoll waqt il-hrug tan-nicca tal-vara ta’ San Publju jigi organizzat konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland propona li l-Kunsill jipprezenta bandiera tal-Kunsill lis-Socjeta’ Filarmonika Vilhena biex tingarr mal-purcisjoni tal-vjatku. Il-Kunsill approva.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Perit Bugeja li ta rendikont tal-varjazzjonijiet fl-ispiza originali tal-progett tas-sala tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-varjazzjonijiet ladarba dawn ma jaqbzux il-percentwali stabbilit fl-offerta.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport dwar il-gemellagg ma’ Macerata – 2010. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, u ssekkondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, VB, NH, ET, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kumpanija Vodafone fejn talbu permess biex fi zmien il-Karnival titpogga prinjolata kbira bil-qis ta’ 1.5x2.5m fi Vjal ir-Re Dwardu VII kif ukoll biex jitqieghed gazebo sabiex tkun tista’ titghatta l-istess prinjolata. Il-Kunsill ma sabx

oggezzjoni sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Pulizija.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Malta Tourism Authority li nfurmaw lill-Kunsill bil-progett imsejjah European Destinations of Excellence. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema u jipproponi l-Waterfront bhala is-sit li gie kkonvertit f'attrazzjoni turistika.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Comune di Macerata fejn informaw lill-Kunsill li kien ghadu ma ntlahaqx ftehim rigward iz-zjara tal-banda Salvadei f'Malta. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlobhom risposta definittiva mill-aktar fis possibli dwar jekk din iz-zjara hux ha tkun possibli minhabba li l-Kunsill ghad irid jaghmel il-preparamenti ghal din iz-zjara f'kaz li tkun ha ssehh.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vici-Sindku Franco Davies fejn infoma lill-Kunsill li meta tghaddi l-kavallerija tal-Pulizija minn Triq Sant'Anna, kien qed jithalla l-hmieg taz-zwiemel fit-triq. Huwa nforma wkoll li meta din tghaddi mill-Belt Valletta, ikun hemm xi haddiema li jigbru l-hmieg u ppropona li l-Kunsill jiehu l-istess inizjattiva. Il-Kunsill qabel nem.con biex jivverifika rigward l-arrangament li hemm fil-Belt Valletta sabiex ikun jista' jipprocedi bl-istess manjiera.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Malta Tourism Authority fejn ghal darb'ohra talbu l-permess biex jigi organizzat il-kuncert tal-Isle of MTV fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-organizzaturi ta' dan il-festival qabel jigi kkunsidrat il-hrug tal-permess.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand CareMalta fejn offrew lill-Kunsill jinnomina lil xi hadd ghall-premju Nazzareno Vassallo, premju li jinghata lil individwu li jkun ta hidma sostanzjali lejn il-kura tal-anzjani. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot biex tigi nnominata s-Sinjura Mary Dimech bhala rikonoxximent ghall-hidma taghha, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, ET NH, FD, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk il-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V humiex imnizzlin fil-kuntratt minhabba li kienet giet avvicinata minn individwu li informaha li qed jinghad li kienet hi li tinsisti li l-gnien jinghalaq filghaxija. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq kienu mnizzlin fil-kuntratt u din il-kundizzjoni kienet imnizzla cara fil-kuntratt.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-kuntrattur Omar Aquilina li kien ha l-esklussivita' tal-bejgh tal-ikel u x-xorb fl-ewwel edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kien avvicinaha u saqsiha ghalfejn kienet hi li kienet ghamlet pressjoni fuq il-Kunsill biex jittiehdu passi kontrih. Hija talbet li jigi rregistrat fil-minuti li dan ma kienx minnu. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kien iddecieda biex tintbaghat ittra legali lis-Sur Omar Aquilina u wara li ma rcevejna l-ebda risposta il-Kunsill kien rega' baghat ittra ohra minkejja li kien ghadda hafna zmien. IS-Sindku sostna li kien inghata bizzejjed cans biex dan jirrimedja u ghaldaqstant ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, biex Il-Kunsill jiehu passi legali fil-qorti civili kontra l-kuntrattur, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 3 (SSH, VB, FD)
Astensjonijiet: 0

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet kontromozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex il-Kunsill jerga' jiltaqa' mal-kuntrattur qabel ma jiehu passi legali, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (SSH, VB, FD)

Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar x'kien gara rigward il-kuntratt tal-kera tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kien baghat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jaghti direzzjoni u ghadu qed jistenna risposta qabel tinhareg is-sejha tal-offerti.

3.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa jekk il-proprjetarji ta' St. Publius Club kienux avvicinaw lill-Kunsill rigward organizzazzjoni ta' snooker tournament konguntament mal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-informazzjoni li kellu s'issa kienet fuq loghba wahda u mhux fuq tournament. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikkonferma magghom dwar din l-idea.

3.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa jekk il-Kunsill kellux risposta rigward id-decizjoni li kien ha li jikteb lill-Maltapost rigward il-kodici postali inkorretti tal-kumpaniji fil-Waterfront. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghadu qed jahdem fuq dan.

3.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward l-applikazzjoni ghall-European Capital 2018. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha ta-Kunsill sussegwenti sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni dwar liema progetti ser jissottometti l-Kunsill.

**Nota: 18.20 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat u ghaldaqstant il-Vici-Sindku kompla jippresiedi l-laqgha.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 49-05 A, B, C , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9339 sa 9357.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9280 sa 9357, bir-rizultat:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Vici Sindku Franco Davies, mill-Kunsillier Edward Torpiano u mis-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat.

## 5.0 Approvazzjoni ghall-Estimi Annwali 2011 u pjan ta' hidma

5.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab lis-Segretarju Ezekuttiv jipprezenta l-Estimi Annwali 2011 u l-Pjan ta' Hidma ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

5.2 Wara diskussjoni dwar l-Estimi Annwali 2011 u l-Pjan ta' Hidma, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni taghhom. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliet Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Noti: 18.30 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**
**18.35 Il-Kunsillier Edward Torpiano rritorna ghal-laqgha**
**18.40 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha u kompla jippresiedi l-laqgha.**

## 6.0 Il-Monti tal-Hadd fil-Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fid-decizjoni li ha l-Kunsill biex jaccetta l-Monti tal-Hadd fiz-zona tal-Park and Ride. Il-Kunsill ifformalizza din id-decizjoni b'mod unanimu.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland beda' billi semma l-problemi li kienu nqalghu dan l-ahhar rigward il-monti ta' kull nhar ta' Hadd u r-rilokazzjoni tieghu fil-Floriana minhabba il-progett tad-dahla tal-Belt u r-riforma tat-trasport pubbliku. Huwa kompla jghid li fil-laqgha li kienet saret il-Hadd ta' qabel ma kienx intlahaq ftehim mal-bejjiegha tal-Monti, u ghalhekk informa li kien ser ikun hemm laqgha ohra l-ghada fl-10 ta' Frar.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi nforma lill-Kunsill bil-linji gwida pprovduti mis-Segretarjat Parlamentari fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi rigward kif ghandha tipprocedi l-laqgha mal-bejjiegha tal-monti. Huwa zied jghid li dawn il-linji gwida kienu gew finalizzati wara li kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsill, il-Ministeru u rapprezentanti tal-bejjiegha tal-monti.

6.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano ippropona li l-Kunsill jitlob li l-ispejjez tal-mobile toilets li talbu l-bejjiegha jkunu maqsuma bejn il-bejjiegha stess. Is-Sindku ppropona li jekk jintlahaq ftehim waqt il-laqgha tal-10 ta' Frar, il-Kunsill ghandu jitlob lill-Ministeru biex jipprovdi dawn il-mobile toilets. Il-Kunsill qabel.

6.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano ppropona wkoll li tintalab l-assistenza tal-Pulizija l-ewwel darba li jintrama' l-monti f'kaz ta' eventwalita' ta' glied jew dizgwid bejn il-bejjiegha. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba biex ikun hemm il-Pulizija prezenti.

6.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kienx ser jibbenefika minn fondi zejda mill-Ministeru li jkopru t-tindif li kien ser ikun hemm bzonn ta' kull gimgha wara li jintrama' l-monti. Is-Sindku wiegeb li ghalissa ir-responsabbilta' tat-tindif kiener ser tkun f'idejn is-Segretarjat Parlamentari fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi.

6.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar jekk il-linji gwida humiex ser ikunu sufficenti. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li d-decizjonijiet kienu ttiehdu bejn il-Kunsill u l-Ministeru u tnizzlu f'dokument ta' linji gwida li tieghu ghandhom kopja r-rapprezentanti tal-bejjiegha u ghalhekk mhux suppost li kien ser ikun hemm oggezzjonijiet.

## 7.0 Rilokazzjoni temporanja tal-venda tat-trasport pubbliku

7.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi tkellem dwar id-diversi proposti li kien ghamel il-Kunsill lill-Awtorita' tat-Transport rigward ir-rilokazzjoni tal-venda tat-trasport pubbliku u sabiex din tigi rilokata fiz-zona tal-park and ride jew fil-foss ta' Notre Dame. Minkejja l-proposti tal-Kunsill, Transport Malta iddecidiet li l-venda tigi rilokata fi Triq Sarria. Is-Sindku zied jghid li s'issa din ir-rilokazzjoni ma kellhiex l-impatt fuq it-traffiku daqs kemm kien haseb li ha jkun hemm il-Kunsil.

7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li minhabba li l-karozzi tal-linja issa qed johorgu min Triq il-Mall, ghandha ssir zebra crossing temporanja ghar-residenti tal-vicinanzi minhabba li s-sitwazzjoni prezenti qed tohloq periklu ghal dawn l-istess residenti. Il-Kunsill approva u ghandu jressaq talba lit-Transport Malta.

7.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li l-ikbar problema li nholqot bir-rilokazzjoni kienet dik tal-ispazju ghall-gabbani matul il-festivitajiet tal-Karnival dan minhabba li whud mill-gabbani kienu jarmaw fi Triq Sarria u fi Vjal ir-Re Dwardu VII u jidher li din is-sena, dan mhux ha jkun

possibli. Huwa kompla jghid li l-Kunsill ghandu jiltaqa' mal-Pulizija fil-granet li gejjin biex jigu diskussi l-possibilta li dawn il-postijiet jigu rilokati fil-parkegg tal-fosos peress li huwa l-uniku post fil-vicinanzi.

## 8.0 Platform Lift

8.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega l-progress li kien hemm mill-ahhar laqgha s'issa rigward il-progett tal-platform lift.

8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta s-suggeriment moghti mill-perit inkarigat fejn kien ippropona li jkun hemm tip ta' mekkanizmu li johrog mill-platform lift stess u jigi livell mal-bieb meta jkun qed jintuza l-lift u ghaldaqstant jigi evitat milli jkollu jsir tarag iehor tal-injam. Il-Kunsill approva dan is-suggeriment.

8.3 Il-Kunsill ghandu jitlob lill-kuntrattur li kien ha l-offerta tal-platform lift, biex jaghti kwotazzjoni ghal din il-varjazzjoni fil-platform permezz ta' din il-mekkanizmu.

## 9.0 Monument tal-ferrovija

9.1 Is-Sindku stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies jispjega l-progress li kien hemm fuq din il-materja.

9.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies spjega li l-Kunsill inghata skizz ta' ferrovija mill-perit tal-Kunsill biex il-Kunsill japprova halli ssir l-applikazzjoni lill-MEPA.

9.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li huwa inzerta tkellem mal-Perit rigward dan il-progett u li gie ppropost biex il-ferrovija tkun maghmula mill-gebel u jkollha certu features maghmulin mill-hadid.

**Nota: 19.05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

9.4 Il-Kunsillier Borg zied jghid li tkun idea tajba jekk tinfetah il-mina biex b'hekk jinholoq effett isbah minhabba li l-ferrovija tkun tidher qisha hierga minn gol-mina stess. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika b'din il-proposta ghall-progett tal-European Capital 2018.

**Nota: 19.10 Is-Sindku Nigel Holland rritorna ghal-laqgha.**

9.5 Il-Kunsill approva dan il-progett u qabel li ghandu jinforma lill-Perit biex japplika ghal dan il-progett u ghall-ftuh tal-mina mal-MEPA.

## 10.0 Karnival ta' Malta 2011

10.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li wara l-laqgha li kellu l-Kunsill mas-Sur Anton Miceli, Segretarju tal-Kumitat organizzattiv tal-Karnival, kien irrizulta li l-isfilata tal-Hadd tal-Karnival kienet ser issir fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

10.2 Huwa kompla jzid li din is-sena kienet inholqot problema biex jinstab post fejn jarmaw il-gabbani ghall-Karnival. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jiehu inkonsiderazzjoni il-parking area ta' hdejn il-Fosos. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 11.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-partecipanti ghall-edizzjoni ta' din is-sena

kienu nizlu ghal hames kmamar tan-nar u ghalhekk kienet harget l-idea li kull kamra taghmel tliet bicciet nar. Il-Kunsill approva.

11.2 Is-Sindku kompla jghid li minhabba li kienu naqsu l-partecipanti, kien gie propost li jsir tapit u nar sinkronizzat mal-muzika. L-ispiza ghat-tapit m'ghandhiex teccedi l-€1400 filwaqt li l-kaxxa sinkronizzata mal-muzika ma teccedix l-€1200.

**Nota: 19.20 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**
**19.25 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**

11.3 Is-Sindku Nigel Holland propona li l-Kunsill jikkunsidra li jqabbad lir-rebbieha tal-edizzjonijiet precedenti tal-festival stess jaghmlu t-tapit u n-nar sinkronizzat u zied jghid li dan kien ser iservi bhala incentiv ghall-partecipanti ta' din is-sena kif ukoll tal-edizzjonijiet li gejjin. Huwa ssuggerixxa li biex tittiehed id-decizjoni ta' min ser jintaghzel, ghandhom jittellghu zewgt ikmamar tan-nar bil-polza mill-erbat ikmamar rebbieha tal-edizzjonijiet precedenti jekk dawn ikunu interessati. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 12.0 Jum Floriana

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li minhabba restrizzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ir-riceviment annwali li jsir dakinhar ta' Jum il-Floriana mhux ha jkun possibbli peress li l-Kunsill diga ghamel ir-riceviment fil-Festa Liturgika ta' San Publju.

12.2 Fid-dawl ta' dan huwa propona li l-Kunsill jitlob sponsorships biex ikun jista' jsir ir-riceviment u tinzamm it-tradizzjoni ta' kull sena.

12.3 Is-Sindku kompla jghid li l-hidma ghal Jum il-Floriana ghandha tibda' mill-aktar fis biex b'hekk ma jaqax kollox ghall-ahhar.

12.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsilliera ghall-idejat taghhom fuq is-sitt persuni li kienu ser jigu onorati din is-sena billi bhal fis-snin precedenti, jsir ritratt taghhom fuq banners li jitwahhlu fi Triq il-Miratur.

12.5 Il-Kunsill qabel li s-sitt personaggi li jigu onorati ghandhom ikunu: Lolly Borg, Michael Borg, Rebecca D'Agostino, Bernard Scerri, Benny Camilleri u Norman Hamilton.

12.6 Is-Sindku ssuggerixxa li ghall-okkazjoni ta' Jum il-Floriana ghandha tigi inawgurata s-sala tal-Kunsill. Huwa propona li s-sala ghandha tinaghta l-isem tal-Kavallier Stefano Ittar minhabba li jinghad li dan kien l-ewwel persuna residenti fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandha ssir verifikazzjoni dwar jekk hux minnu li dan il-Kavallier kien l-ewwel persuna li ghexet f'Dar il-Kunsill.

## 13.0 Assemblea Generali Furjaniza

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar lill-Kunsill li fix-xahar ta' Marzu il-Kunsill jorganizza l-Assemblea Generali Furjaniza.

13.2 Peress li fix-xahar ta' Marzu ser ikun hemm il-Karnival, il-Kunsill qabel li l-Assemblea Generali Furjaniza ghandha ssir fl-1 u fit-2 t'April 2011.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera biex min minnhom huwa interessat li jkun fost il-kelliema ta' din l-Assembl

13.4 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera biex min minnhom huwa interessat li jkun fost il-kelliema ta' din l-Assemblea, ghandu jinfurmah fi zmien gimgha.

## 14.0 Kommemorazzjoni Anthony Piscopo

14.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mis-Sur Vella li ppropona biex ssir kommemorazzjoni lis-Sur Anthony Piscopo. Huwa ssuggerixxa li tittella' lejla kommemorattiva fid-Dar tal-Kunsill li fiha kien jghix is-Sur Piscopo.

14.2 Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jorganizza din l-attivita' flimkien mas-Socjeta' Filarmonika Vilhena.

## 15.0 Asfaltar ta' toroq

15.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi jghid li s'issa x-xoghol ta' patching kien sodisfacenti u jidher li kollox kien miexi sew.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li x-xoghol li sar f'parti wahda minn Triq il-Miratur ma kienx jidher konvincenti u ghalhekk kien talab lill-Perit biex jigi jiccertifika x-xoghol.

15.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat li t-toqba li kienet instabet fi Triq is-Suq waqt ix-xoghol ta' patching kienet thalliet miftuha u kienet qeghda ta' periklu ghar-residenti.

15.4 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien hemm konferma li l-problema tal-ilma taht Triq l-Imhazen ma kinietx gejja mid-drenagg. Ghalhekk kien hemm bzonn li jigi evalwat minn fejn gejja l-problema minhabba li l-ilma tax-xita kien qed jgholli t-triq.

## 16.0 Cirkli tal-annimali fil-Floriana

16.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill bil-laqgha li ser issir nhar il-15 ta' Frar 2011 fis-2.00pm mad-Dipartiment tal-Kura tal-Annimali, rigward ic-cirkli tal-annimali.

16.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies kompla jipproponi li l-Kunsill jiltaqa' mas-sur Johann Said, wiehed mill-organizzaturi tac-cirklu wara din id-data. Il-Kunsill qabel li ghandu jiffissa laqgha mas-Sur Said nhar is-16 ta' Frar 2011 fl-4.00pm.

16.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies iffinalizza d-diskussjoni dwar din il-materja billi nforma lill-Kunsill li ghadu qed jipprova jiffissa appuntament mal-Animal Rights Coalition Group.

## 17.0 Ħwejjeg Oħra

17.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel referenza ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li ssir barrier bejn Triq San Frangisk u Triq Vilhena. Huwa propona li l-barrier tigi zewg piedi gol-art biex ikun sod bizzejjed f'kaz ta' incident. Il-Kunsillier Borg kompla jghid li r-raguni ghalfejn ma tistax issir crash barrier hija minhabba li hemm rampa li tigi ezatt f'nofs il-crash barrier u ghalhekk din ma tkunx soda bizzejjed f'kaz ta' incident. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja jekk ir-rampa tistax issir post iehor u f'kaz li possibli, jitlob kwotazzjoni ghall-crash barrier.

17.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies fakkar lill-Kunsill fl-istedina ghall-programm Hadd Ghalik. Il-Kunsill qabel li ghandu jara jekk hux possibli li jiehu sehem f'dan il-programm fix-xahar t'April.

17.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li hemm tappieri mikxufin fi Triq V. Dimech u fi Triq il-Mall. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-Arcipriet u jitolbu jiehu hsieb li dawn jigu mghottija b'ghatu minhabba li qeghdin ta' periklu ghar-residenti.

17.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien talab kwotazzjoni biex isir cat café, total ta' €467. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

17.5 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kemm ilha li saret ir-rilokazzjoni tal-venda fi Triq il-Mall, kienu tfaccaw hofor fit-triq li biz-zmien kienu ser ikompli jisfrundaw minhabba l-piz tal-vetturi. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lil Transport Malta rigward dan.

17.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li l-kumpanija tas-CT Cabs kienu laqghu it-talba tal-Kunsill u kienu ser jibdew joffru z-zewg rotot mitluba minnu. Huwa nforma wkoll li l-Kunsill ghandu jiltaqa' maghhom nhar il-21 ta' Frar.

17.7 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-Pulizija kienu pproponew li ghal-loghba ta' nhar is-Sibt bejn it-timijiet ta' Floriana u Valletta, it-traffiku hiereg mill-Belt Valletta ghandu johrog mix-xatt u t-traffiku direzzjoni Belt Valletta ghandu jidhol minn Triq Sarria. Il-Kunsill ma qabilx u qabel li ghandu jikteb lill-Korp tal-Pulizija biex juri d-dizapprovazzjoni tieghu minhabba li d-dhul minn Triq Sarria jaf johloq iktar inkwiet.

17.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm bzonn jinqata' l-haxix tal-Polverista. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kuntrattur tat-tindif biex jaghmel dan.

17.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut proponiet li jittella' tournament tal-football ghat-tfal ghal zmien l-Ghid. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

17.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut informat lill-Kunsill li kien hemm bzonn li jitkahhal il-hajt divizorju bejn id-djar u l-Housing Estate. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ghal dan ix-xoghol.

17.11 Il-Kunsilliera Sandra Sammut informat lill-Kunsill li l-culvert ta' Triq San Frangisk huwa mizdud. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur responsabbli biex dan jitnaddaf.

17.12 Il-Kunsilliera Sandra Sammut informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn haddiem tal-kuntrattur tal-gbir ta' skart li kien qalilha li hemm il-grieden fi Triq San Publju. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika dan sabiex ikun jista' jiehu l-azzjoni necessarja.

17.13 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li l-hajt tal-AGFA fi Triq il-Fosos kien qed jitfarfar u kien hemm bzonn li jigi rrangat. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk dan il-hajt huwiex parti mill-bini tal-AGFA jew jekk jaghmilx parti mill-blat tas-sur. Fil-kaz li dan jaghmel parti mis-sur, il-Kunsill ghandu jiehu azzjoni u ssir il-manutenzjoni necessarja.

17.14 Il-Kunsilliera Sandra Sammut talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ittella' coffee morning fix-xahar ta' Frar. Il-Kunsill qabel nem con.

17.15 Il-Kunsilliera Sandra Sammut saqsiet dwar fi x'hin tinghalaq il-latrina ta' hdejn il-Bombi. Is-Sindku wiegeb li din suppost tinghalaq fil-hinijiet stipulati fil-kuntratt u jekk jirrizulta' li dan mhux qed isir l-kuntrattur ghandu jigi mwissi.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 18 ta' Frar fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.30.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv